Nru./No. 20,332
Prezz/Price
€2.52

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2020
Friday, 17th January, 2020

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 345 - 348
Government Notices ..... *345 - 348*

Avviżi tal-Pulizija ..... 348 - 349
Police Notices ..... *348 - 349*

Avviżi lill-Baħħara ..... 349 - 352
Notices to Mariners ..... *349 - 352*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 353 - 357
Employment Opportunities ..... *353 - 357*

Avviżi tal-Gvern ..... 358 - 371
Notices ..... *358 - 371*

Offerti ..... 371 - 378
Tenders ..... *371 - 378*

Avviżi tal-Qorti ..... 378 - 396
Court Notices ..... *378 - 396*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 69

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea bħala Nutar delegat għall-kustodja tal-atti tan-Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi u dan għall-perjodu bejn il-15 ta' Jannar, 2020, u l-20 ta' Jannar, 2020.

Illum, 13 ta' Jannar, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 70

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dottor Corazon Mizzi, u dan għall-perjodu bejn il-15 ta' Jannar, 2020, u l-20 ta' Jannar, 2020.

Illum, 13 ta' Jannar, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 71

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illibis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Mary Grech Pace bħala Nutar delegat u konservatur tal-

GOVERNMENT NOTICES

No. 69

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr George sive Jurgen Galea to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi for the period between the 15th January, 2020, and the 20th January, 2020.

Today, the 13th January, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 70

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr George sive Jurgen Galea to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Corazon Mizzi, for the period between the 15th January, 2020 and the 20th January, 2020.

Today, the 13th January, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 71

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Mary Grech Pace to be Notary

atti tan-Dottor Julian Grech u dan għall-perjodu bejn il-1 ta'Jannar, 2020, u l-31 ta' Diċembru, 2020.

Illum, 13 ta' Jannar, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Julian Grech for the period between the 1st January, 2020, and the 31st December, 2020.

Today, the 13th January, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 72

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'effett bejn il-15 ta' Jannar, 2020, u l-21 ta' Jannar, 2020:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Il-Qala	Miriam Attard

Is-17 ta' Jannar, 2020

No. 72

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council between 15th January, 2020, and 21st January, 2020:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Qala	Miriam Attard

17th January, 2020

Nru. 73

ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)

Tneħħija ta' Proprjetà mil-Lista tal-Iskedar

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 225 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,891 tal-10 ta' Marzu, 2006, l-Awtorità tal-Ippjanar b'din tiddikjara li qiegħda tneħħi mil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skont l-Artikolu 57 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u permezz tal-paragrafi 1.13, 2.27, u policies TO8, UO2 u RO4 tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar (SPED), il-proprjetà msemmija hawn taħt (li tidher fuq il-mappa f'paġna 347) li oriġinarjament kienet skedata bħala Grad 2, jiġifieri:

'Yellow House', Triq Santu Rokku, Il-Kalkara

Nhar is-17 ta' Diċembru, 2019, il-Kunsill Eżekuttiv aċċetta li din il-proprjetà tiġi mneħħija mil-lista tal-iskedar.

L-Awtorità tal-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikolu 57 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

Is-17 ta' Jannar, 2020

No. 73

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016 (ARTICLE 57)

Descheduling of Property


WITH reference to Government Notice No. 225 published in the Government Gazette No. 17,891 of 10th March, 2006, the Planning Authority declares that it is excluding from the list of scheduled property, in terms of Article 57 of the Development Planning Act, 2016, and paragraphs 1.13, 2.27, and policies TO8, UO2 and RO4 of the Strategic Plan for the Environment and Development (SPED), the following property (as shown on site plan on page 347) originally scheduled as Grade 2, namely:

'Yellow House', Triq Santu Rokku, Kalkara

On 17th December, 2019, the Executive Council endorsed the removal of this property from the list of scheduled property.

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Articles 57 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act 2016 as regards to scheduled property.

17th January, 2020


N
Ta' Tewma
TRIQ SANTU ROKKU
TRIQ I
0 0.0125 0.025 0.05
Km
PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000
Title:
Descheduling of Property
Kalkara:
"Yellow House",
Triq Santu Rokku
Legend:
"Yellow House",
Triq Santu Rokku,
Kalkara
DESCHEDULED
Ref. No.: GF 3187/02
Map No.: 1

Nru. 74

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
17.1.2020	€45.081	€0.545

Is-17 ta' Jannar, 2020

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 8

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bormla

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Jannar, 2020, għeluq ta' toroq minn nhar is-Sibt, 18 ta' Jannar, 2020, mill-5.00 a.m. 'il quddiem sal-Ħadd fis-2.00 p.m. minn Pjazza Gavino Gulia, Xatt ta' Bormla, Triq Dom Mintoff, Pjazza Pawlino Vassalli, Triq Santa Tereża, Triq John Pace, Triq il-Gendus, Triq ir-Regatta, Triq l-Iljun, Triq San Lawrenz, Pjazza Santa Margerita u Triq l-Inkurunazzjoni.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Jannar, 2020

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 9

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija

No. 74

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
17.1.2020	€45.081	€0.545

17th January, 2020

POLICE NOTICE

No. 8

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Cospicua

On Sunday, 19th January, 2020, closure and clearance of roads from Saturday, 18th January, 2020, from 5.00 a.m. onwards till Sunday at 2.00 p.m. through Pjazza Gavino Gulia, Xatt ta' Bormla, Triq Dom Mintoff, Pjazza Pawlino Vassalli, Triq Santa Tereża, Triq John Pace, Triq il-Gendus, Triq ir-Regatta, Triq l-Iljun, Triq San Lawrenz, Pjazza Santa Margerita and Triq l-Inkurunazzjoni.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

17th January, 2020

POLICE NOTICE

No. 9

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the

jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Marsaskala

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Jannar, 2020, mit-8.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq Sant'Anna, Pjazza Mifsud Bonnici u Triq ix-Xatt.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Jannar, 2020, mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq ir-Repubblika bejn Triq l-Arċisqof u Triq San Duminku, Triq l-Arċisqof bejn Triq ir-Repubblika u Triq l-Ifran.

Il-Furjana

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Jannar, 2020, mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq Sant'Anna fuq iż-żewġ naħat, it-Telgħa tal-Kurċifiss kollha.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, 9 ta' Frar, 2020, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq is-Santwarju, Triq ix-Xgħajra u Triq Alessio Erardi.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Jannar, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 10 tal-2020

Użu tal-Moll ta' Buġibba minn Bastimenti Kummerċjali

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-Moll ta' Buġibba (Sezzjoni mmarkata 'A' fiċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) għandu jintuża biss għall-imbark/żbark ta' passiġġieri mill-bastimenti kummerċjali li huma liċenzjati mill-Awtorità skont ir-Regolamenti tal-Bastimenti Kummerċjali.

Sezzjoni B tal-breakwater hija għall-użu ta' bastimenti oħra għat-tagħbija/ħatt, imbark/żbark biss. Bastimenti trakkati doppjament li ma jkunux sorveljati għal ħin twil mhumiex permessi.

L-Awtorità tgħarraf ukoll li l-iskal biswit il-breakwater għandu jintuża biss għat-tnedija u rkupru ta' bastimenti u għandu jitħalla mingħajr ostakli fil-ħinijiet kollha.

transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Marsaskala

On Sunday, 19th January, 2020, from 8.00 a.m. onwards, through Triq Sant'Anna, Pjazza Mifsud Bonnici and Triq ix-Xatt.

Valletta

On Sunday, 26th January, 2020, from 5.00 a.m. till 2.00 p.m., through Triq ir-Repubblika between Triq l-Arċisqof and Triq San Duminku, Triq l-Arċisqof between Triq ir-Repubblika and Triq l-Ifran.

Floriana

On Sunday, 26th January, 2020, from 5.00 a.m. till 2.00 p.m., through Triq Sant'Anna on both sides, all Crucifix Hill.

Road closure as required.

Ħaż-Żabbar

On Sunday, 9th February, 2020, from 7.00 a.m. onwards, through Triq is-Santwarju, Triq ix-Xgħajra and Triq Alessio Erardi.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

17th January, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 10 of 2020

Use of Il-Moll ta' Buġibba by Commercial Vessels

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that Il-Moll ta' Buġibba (Section Marked 'A' on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) is to be used solely for the embarkation/disembarkation of passengers by commercial vessels that are duly licensed by the Authority in terms of the Commercial Vessels Regulations.

Section B of the breakwater is for use by other vessels for loading/unloading, embarking/disembarking only. Double banking of vessels and unattended vessels for any length of time is not permitted.

The Authority also notifies that the slipway adjacent to the breakwater is to be used solely for the launching and recovery of vessels and is to be left unobstructed at all times.

Kull sid jew operatur ta' bastiment li jkollu bżonn irmiġġ għal kwalunkwe raġuni jew oħra għandu jġib l-awtorizzazzjoni neċessarja u jibqa' mal-bastiment fil-ħinijiet kollha.

Dan l-avviż huwa maħruġ skont it-termini tar-Regolamenti tal-Irmiġġ (SL 10:30) mingħajr preġudizzju għal direttivi, leġiżlazzjoni u permessi maħruġa mill-Awtorità.

Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri. 46 u 53 tal-2014 ta' Transport Malta huma KKANĊELLATI.

Chart affettwata: BA 211

Is-17 ta' Jannar, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 11 tal-2020

B'żieda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 30 tal-2019
Rigward Infrastruttura Malta – Ferry Landing f'Bormla

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li b'żieda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 30 tal-2019 rigward Infrastruttura Malta – Ferry Landing f'Bormla, id-data ta' tlestija qed tiġi estiża sal-aħħar ta' Lulju 2020.

L-informazzjoni l-oħra kollha inkluża f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 30 tal-2019 se tibqa' valida.

Is-17 ta' Jannar, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 12 tal-2020

Rinovar ta' Skal biswit il-Monument ta' Tmiem
il-Gwerra Bierda f'Birżebbuġa fil-Bajja ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li xogħlijiet ta' rinnovar fl-iskal biswit il-Monument ta' Tmiem il-Gwerra Bierda f'Birżebbuġa fil-Bajja ta' Marsaxlokk se jibdew nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2020, sakemm ikun hemm avviż ieħor.

Il-baħħara għandhom jinnotaw li minħabba r-rinovar imsemmi, il-bastimenti għandhom iżommu 20m 'l bogħod mill-iskal kif muri mmarkat fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Silt curtain se titqiegħed fiż-żona msemmija.

Any owner or operator of a vessel who requires berthing for any other reason must obtain the necessary authorisation, and must remain in attendance with the vessel at all times.

This notice is issued in terms of the Berthing Regulations (S.L. 10.30) and without prejudice to other directives, legislation and permits issued by the Authority.

Local Notices to Mariners Nos. 46 and 53 of 2014 of Transport Malta are hereby CANCELLED.

Chart affected: BA 211

17th January, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 11 of 2020

Further to Local Notice to Mariners No. 30 of 2019
Regarding Infrastructure Malta – Ferry Landing in Bormla

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that further to Local Notice to Mariners No. 30 of 2019 regarding Infrastructure Malta – Ferry Landing in Bormla, the completion date is being extended until end of July 2020.

All other information included in Local Notice to Mariners No. 30 of 2019 will remain valid.

17th January, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 12 of 2020

Refurbishment of Slipway adjacent to Cold War Memorial
Monument at Birżebbuġa in Il-Bajja ta' Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that refurbishment work on the slipway adjacent to Cold War Memorial Monument at Birżebbuġa in Il-Bajja ta' Marsaxlokk will start on Tuesday, 21st January, 2020, until further notice.

Mariners are to note that due to the above mentioned refurbishment, all vessels are to keep 20m away from the slipway as shown hatched on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). A silt curtain will be laid within the mentioned area.

Huma għandhom jinnutaw li l-iskal mhux se jkun aċċessibbli waqt li x-xogħol ikun għaddej.

Il-baħħara għandhom jinnutaw ta' hawn fuq u jipproċedu b'kawtela u b'veloċità baxxa (bla rima) meta jkunu fil-viċinanza tal-iskal waqt li jkun hemm ir-rinnovar għaddej.

Chart affettwata: BA 36

Is-17 ta' Jannar, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 13 tal-2020

Installazzjoni ta' Snorkelling Trail fir-Ramla tal-Mixquqa u fir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa

.

Id-Direttorat għall-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u s-sidien tal-bastimenti li żewġ snorkelling trails qed jiġu mħejjija fir-Ramla tal-Mixquqa u fir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa.

L-isnorkelling trail jikkonsisti f'arbli b'sinjali informattivi mwaħħla, li se jkunu f'qiegħ il-baħar sabiex jippermettu lill-għaddasa biex jimxu mal-passaġġ. Uħud minn dawn l-arbli se jkunu inqas minn metru taħt wiċċ l-ilma.

Fid-dawl ta' hawn fuq, baħħara u sidien ta' bastimenti huma mgħarrfa li żewġ żoni 'Entry Prohibited' qed jiġu stabbiliti.

Ir-Ramla tal-Mixquqa, iż-żona mmarkata b'punti A, B, C, D u l-kosta intermedjarja (murija mmarkata f'chart 1 li tinstab fuq is-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)):

Punt	*Latitudni (T)*	*Lonġitudni (L)*	
A	35° 55'.987	014° 20'.672	Xatt
B	35° 55'.954	014° 20'.597	
C	35° 55'.918	014° 20'.545	
D	35° 55'.891	014° 20'.575	Xatt

Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa, iż-żona mmarkata b'punti W, X, Y, Z u l-kosta intermedjarja (murija mmarkata f'chart 2 li tinstab fuq is-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)):

Punt	*Latitudni (T)*	*Lonġitudni (L)*	
W	35° 55'.681	014° 20'.605	Xatt
X	35° 55'.739	014° 20'.559	
Y	35° 55'.735	014° 20'.525	
Z	35° 55'.719	014° 20'.503	Xatt

They are to note that the slipway will not be accessible while the works are in progress.

Mariners are to note the above and proceed with caution and at a slow speed (no wake) when in the vicinity of the slipway while the refurbishment is being carried out.

Chart affected: BA 36

17th January, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 13 of 2020

Installation of Snorkelling Trail at Ir-Ramla tal-Mixquqa and at Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners and owners of vessels that two snorkelling Trails are set out at Ir-Ramla tal-Mixquqa and Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa.

The snorkelling trail consists of poles with informative signs attached, which will be fixed to the seabed allowing snorkellers to follow the trail. Some of these poles will be less than 1 metre below the sea surface.

In view of the above, mariners and owners of vessels are being advised that two 'Entry Prohibited' areas are being established.

Ir-Ramla tal-Mixquqa, the area bounded by the points A, B, C, D and the intermediate coastline (shown hatched on chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt))

Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*	
A	35° 55'.987	014° 20'.672	Shore
B	35° 55'.954	014° 20'.597	
C	35° 55'.918	014° 20'.545	
D	35° 55'.891	014° 20'.575	Shore

Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa the area bounded by the points W, X, Y, Z and the intermediate coastline (shown hatched on chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)):

Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*	
W	35° 55'.681	014° 20'.605	Shore
X	35° 55'.739	014° 20'.559	
Y	35° 55'.735	014° 20'.525	
Z	35° 55'.719	014° 20'.503	Shore

Sidien ta' bastimenti għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u jagħtu spazju liż-żona magħluqa meta jbaħħru fil-viċinanza.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 80 tal-2016 ta' Transport Malta huwa għalhekk IKKANĊELLAT.

Charts affettwati: BA 2537, 2538

Is-17 ta' Jannar, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 7 tal-2020

Taħriġ ta' Sparar Attiv fil-Pembroke Ranges – 22 u 23 ta' Jannar, 2020 – Ħinijiet Estiżi

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf illi b'żieda għal Avviż lill-Baħħara Nru. 2 tal-2019, il-Forzi Armati ta' Malta se jagħmlu Taħriġ ta' Sparar Attiv nhar l-Erbgħa, 22 u l-Ħamis, 23 ta' Jannar, 2020, b'ħinijiet estiżi bejn is-6.00 p.m. u l-11.00 p.m. (Ħin Lokali).

Iż-żona ta' eżerċizzju hija delineata b'settur ABC.

Minn Pożizzjoni A

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*	
A	35º 55'.540	14º 28'.320	(Punt ta' Ċentru fuq l-art),

raġġ ta' 4 mili nawtiċi fuq punti

B	35º 59'.460	14º 27'.150	u
C	35º 58'.290	14º 32'.190	

Matul it-taħriġ ta' sparar attiv, bnadar ħomor (qies ta' madwar 2.5m x 2m) se jittajru mil-limiti tax-xatt. Wara nżul ix-xemx minflok bnadar ħomor se jkun hemm dwal ħomor u se jkun hemm żewġ bastimenti ta' sigurtà bi dwal blu fuq kull naħa, biex jindikaw il-limitu. Il-baħħara huma avżati biex iżommu minimu ta' 4 mili nawtiċi lil hinn mill-kosta meta jintlemħu l-bnadar u l-bastimenti.

Barra minn hekk, huma jridu jobdu struzzjonijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u mill-Forzi Armati ta' Malta.

Charts affettwati: BA 2538, 2537, 194

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

Is-17 ta' Jannar, 2020

Masters of vessels are to note the above and give the enclosed area a wide berth when navigating in the vicinity.

Local Notice to Mariners No. 80 of 2016 of Transport Malta is hereby CANCELLED.

Charts affected: BA 2537, 2538

17th January, 2020

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 7 of 2020

Live firing practice at Pembroke Ranges – 22nd and 23rd January, 2020 – Extended hours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that further to Notice to Mariners No. 2 of 2019, the Armed Forces of Malta will carry out Live Firing Practice on Wednesday, 22nd and Thursday, 23rd January, 2020, with extended hours between 6.00 p.m. and 11.00 p.m. (Local Time).

The exercise area (LM-D6) is delineated by sector ABC.

From Position A

	Latitude (N)	*Longitude (E)*	
A	35º 55'.540	014º 28'.320	(Centre point on land),

a radius of 4 nautical miles to points

B	35º 59'.460	014º 27'.150	and
C	35º 58'.290	014º 32'.190	

During the live firing practice red flags (approximate size 2.5m x 2m) will be flown from the shore limits. After sunset instead of the red flags there will be red lights and there will be two safety vessels with blue lights on each side, to indicate the limit. Mariners are warned to keep as a minimum 4 nautical miles off the coast when the flags or safety vessels are sighted.

Moreover, any instructions given by Valletta Port Control (VTS) on VHF channel 12 and the Armed Forces of Malta are to be strictly observed.

Charts affected: BA 2538, 2537, 194

Positions referred to WGS 84 DATUM

17th January, 2020

FORZI ARMATI Ta' MALTA

Sejħa għall-Ingaġġ
Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri
fil-Forzi Armati ta' Malta

1. Il-Forzi Armati ta' Malta jilqgħu applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' eks uffiċjali u suldati tal-Forza Regolari biex iservu bħala riżervisti fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri fil-Forzi Armati ta' Malta.

Din is-sejħa tibqa' miftuħa sa tmiem is-sena 2020.

2. L-applikanti għandhom:

ikunu ċittadini Maltin;

ikunu membri li servew fil-Forza Regolari tal-FAM li l-perjodu bejn id-data li temmew is-servizz u d-data tal-applikazzjoni għall-ingaġġ fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri ma jaqbiżx it-3 snin, jew membri tal-Forza Regolari AFM li applikaw biex itemmu s-servizz;

ma jkunux għalqu 56 sena sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni;

ikunu ta' karattru morali tajjeb;

ikunu ta' piż aċċettabli pparagunat mat-tul;

ma jkollhomx tattoos eċċessivi, imma żgur mhux fuq il-wiċċ u l-għonq jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indiċenti jew razzisti fuq partijiet oħra tal-ġisem;

ma jkunux membri li jservu fil-Korp tal-Pulizija jew mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jew Gwardjani tal-Ħabs;

3. Proċess ta' Selezzjoni

3.1 Il-Proċess ta' Selezzjoni jitmexxa minn Bord maħtur mill-FAM. Il-Bord jikkunsidra l-impjieg/i preferut/i kif indikat mill-applikanti flimkien mar-rekord militari, kwalifiki u esperjenza rilevanti tal-applikanti mal-eżiġenzi tas-servizz biex jiddeterminaw l-adegwatezza għall-ingaġġ.

3.2 L-applikanti eliġibbli li l-applikazzjoni tagħhom ġiet aċċettata iżda li ma ġewx ingaġġati jitpoġġew fuq lista ta' stennija.

3.3 Applikanti li f'xi ħin jinstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżlin f'paragrafu 2 ma jitħallewx ikomplu l-proċess ta' selezzjoni jew jiġu annullati r-riżultati tagħhom.

3.4 Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess ta' Selezzjoni jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

ARMED FORCES OF MALTA

Call for Enlistment
Volunteer Reserve Force
in the Armed Forces of Malta

1. The Armed Forces of Malta invites applications for the enlistment of former officers and soldiers of the Regular Force to serve as reservists in the Volunteer Reserve Force of the Armed Forces of Malta.

This call shall be open until the end of the year 2020.

2. Applicants must:

be Maltese citizens;

be former members of the AFM Regular Force whose period between the discharge date and the date of application for enlistment in the Volunteer Reserve Force does not exceed 3 years, or members of the AFM Regular Force who applied for discharge;

not be older than 56 years of age by date of submission of application;

be of good moral character;

be of acceptable body weight in proportion to height;

not have excessive tattoos, but definitely not on face and neck or tattoos that are offensive, extremist, indecent or racist on any part of the body;

not be a serving member of the Police Force or Civil Protection Department or Prison Wardens;

3. Selection Process

3.1 The selection process shall be conducted by a Board appointed by the AFM. The Board shall consider the preferred area/s of employment as indicated by the applicants together with the applicants' military record, relevant qualifications and experience in accordance with the exigencies of the service to determine suitability for enlistment.

3.2 Eligible applicants whose application has been accepted but were not enlisted shall be placed on a waiting list.

3.3 Applicants who are found not to fulfil the requirements laid out in paragraph 2 shall not be allowed to proceed with the selection process or shall have their results annulled.

3.4 Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

3.5 L-applikanti jiġu infurmati b'ittra jekk ġewx magħżula jew le. Id-deċiżjoni tal-Bord hija waħda finali.

3.6 Ir-riżultat tal-proċess ta' selezzjoni jibqa' validu tul is-sena 2020.

4. Karattru Morali

4.1 L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb. L-applikanti jagħtu, fl-applikazjoni, il-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta u aġenziji rilevanti oħra biex jipprovdu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

4.2 L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u jħallsu l-pagament dovut, sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-applikanti għandhom jehmżu l-irċevuta maħruġa mill-Pulizija meta jkunu applikaw għar-reġistru tal-kundanni mal-applikazzjoni u jiktbu n-numru tal-irċevuta fl-applikazzjoni. Applikazjonijiet mingħajr dan li ġie mitlub ma jiġux ikkunsidrati validi. Ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati.

4.4 Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. Il-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' applikant li jkun għadda mill-Proċess ta' Selezzjoni, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi Korp dixxiplinat.

5. Eżami Mediku

5.1 L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skont l-istandards tal-Forzi Regolari. Iktar informazzjoni fuq l-istandards tal-Forzi Regolari tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti. Applikanti għall-post ta' Uffiċjal Pilota jkollhom jissodisfaw ukoll il-livelli mediċi rekwiżiti tal-avjazzjoni kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Fil-każijiet kollha, il-ġudizzju tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM dwar jekk kull applikant hux medikament b'saħħtu biex iservi fil-Forzi Armati ta' Malta jkun finali u konklussiv.

5.2 L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali Mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn jkunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern jew privat. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi referuta mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati kif xieraq.

6. Ingaġġ

6.1. L-applikanti li jintgħażlu jiġu ingaġġati għal perjodu inizjali ta' ingaġġ ta' 3 snin. L-applikanti li jintgħazlu jiġu kkonfermati jew ikkummissjonati fir-rank preċedenti tagħhom fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri u jitneħħew mill-Forza ta' Riżerva Individwali jekk applikabbli.

3.5 Applicants will be notified by letter whether they have been selected or not. The decision of the Board will be final.

3.6 The result of the selection process will be valid for the duration of year 2020.

4. Moral Character

4.1 Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

4.2 Applicants are to apply at the Police General Headquarters and pay the applicable fee so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach the receipt issued by the Police to the application form and include the receipt number in the application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

4.3 Vetting will be in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful applicant who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from any disciplined Force.

5. Medical Examination

5.1 Applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force standards. Further information on the Regular Force standards would be made available upon formal request by applicants. Those applying for the post of Pilot Officer will have to satisfy the aviation medical requirements on both national and international levels. The AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

5.2 Applicants give their consent to the AFM Medical Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

6. Enlistment

6.1 Successful candidates, shall be enlisted on an initial engagement of 3 years. Successful candidates shall be confirmed or commissioned in their previous rank in the Volunteer Reserve Force and taken off the Individual Reserve Force as applicable.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri japplikaw minn hemm 'il quddiem.

6.2 Ir-riżervisti jkunu meħtieġa li jservu minimu ta' 12-il siegħa u massimu ta' 39-il siegħa fil-ġimgħa jew aggregat ekwivalenti f'kull xahar. Il-perjodi msemmija qabel jistgħu jiġu estiżi bi ftehim reċiproku.

6.3 Ir-Riżervisti jiġu mħallsa skont ir-rati ta' salarji applikabbli għall-membri Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

6.4 Ir-Riżervisti jistgħu jissejħu f'każijiet ta' periklu nazzjonali jew ta' xi emerġenza kbira. Barra minn hekk, riżervisti jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw u jassistu l-Forza Regolari f'kull missjoni nazzjonali u xogħol ieħor.

6.5 Wara li jintemm is-servizz fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri, is-servizz fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri jgħodd meta jkun ikkalkulat l-obligu ta' riżerva li jista' jibqa' fil-Forza ta' Riżerva Individwali kif applikabbli. L-uffiċjali li temmew is-servizz fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri jirritornaw fir-Riżerva Regolari ta' Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta jekk applikabbli.

7. Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tar-Reklutaġġ tal-FAM, Luqa Barracks, Ħal Luqa jew direttament minn fuq is-sit elettroniku tal-FAM.

7.2 Il-formoli tal-applikazzjoni għandhom jiġu ppreżentati personalment, fl-Uffiċċju tar-Reklutaġġ tal-FAM, Luqa Barracks, Ħal Luqa matul il-ħinijiet tal-uffiċċju tal-FAM sal-aħħar tas-sena 2020.

7.3 L-applikanti għandhom jippreżentaw mal-applikazzjoni:

a. kopja tal-AFM discharge certificate kif applikabbli;

b. irċevuta maħruġa mill-Pulizija għall-ħruġ tar-reġistru tal-kundanni (Fedina Penali) (ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati);

c. kopja tas-Service and Record Leave Form (GP47) f'każ ta' ħaddiema fis-Settur Pubbliku.

7.4 Il-karta tal-identità u d-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew mal-applikazzjoni kif ukoll waqt il-proċess ta' selezzjoni.

7.5 Il-FAM iżżomm id-dritt li tħassar il-proċess ta' selezzjoni li jekk tinsab xi irregolarità dwar dan il-proċess ta' selezzjoni. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar il-proċess ta' selezzjoni kollu,

The relevant provisions of the Appointments and Conditions of Service of the Volunteer Reserve Force Regulations shall apply thereafter.

6.2 Reservists shall be required to serve a minimum of 12 hours and a maximum of 39 hours per week or an equivalent monthly aggregate. The aforementioned periods may be extended upon mutual agreement.

6.3 Reservists, shall be paid the regular rates of pay applicable to the members of the Armed Forces of Malta.

6.4 Reservists shall be liable to be called out in case of national danger or great emergency. Additionally, reservists may be called out in order to participate and assist the Regular Force in any national mission and other tasks.

6.5 Following discharge from the Volunteer Reserve Force, service in the Volunteer Reserve Force shall count when recalculating any remaining reserve liability in the Individual Reserve Force as applicable. Officers discharged from the Volunteer Reserve Force shall return to the Armed Forces of Malta Regular Reserve of Officers as applicable.

7. Submission of Application

7.1 Application forms may be collected from the AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa during AFM office hours, or direcly from the AFM website.

7.2 Application forms are to be handed in personally to the AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa during AFM office hours until the end of the year 2020.

7.3 Together with the application form, applicants must produce:

a. copy of AFM discharge certificate as applicable;

b. receipt issued by Police on application for issue of criminal record (Fedina Penali) (conduct sheets are not accepted)

c. copy of the Service and Record Leave Form (GP47) for employees in the Public Service.

7.4 Identity card and original documents are to be invariably produced when submitting the application form and during the selection process.

7.5 The AFM reserves the right to annul the selection process if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole selection

ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-proċess ta' selezzjoni.

Is-17 ta' Jannar, 2020

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA

Vakanza

Manager (Policy and Training)
(Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 232/2019)

Din il-vakanza fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) hija fi Skala ta' Salarju 6 tas-Servizz Pubbliku. Din il-pożizzjoni hi b'kuntratt indefinit fuq bażi full-time.

Il-Manager (Policy and Training) irid ikollu/ha fil-pussess tiegħu/tagħha: a) Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta, f'Livell 7 tal-MQF, (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2008), f'Diplomazija, Antropoloġija, Azzjoni Umanitarja, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, Public Policy, Gender Studies, Liġi, Komunikazzjoni, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali, kif ukoll sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti JEW

b) Kwalifika ta' Bachelors rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF, (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003), f'Antropoloġija, Contemporary Mediterranean Studies, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, Humanities, Social Policy, Komunikazzjoni, Liġi, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali, kif ukoll erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Il-kandidati għandu jkollhom ukoll kapaċitajiet ta' komunikazzjoni inkluż kitba tajba tal-Malti u tal-Ingliż, u kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet rilevanti tal-MS Office.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' CV dettaljata, lill-A/Direttur Eżekuttiv tal-NCPE sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar, 2020. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

NCPE
Gattard House
Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2295 7850
Indirizz elettroniku: (equality@gov.mt)
Sit elettroniku: (www.equality.gov.mt)

Is-17 ta' Jannar, 2020

process even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the selection process.

17th January, 2020

NATIONAL COMMISSION
FOR THE PROMOTION OF EQUALITY

Vacancy

Manager (Policy and Training)
(Jobsplus Permit No.: 232/2019)

This post within the National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) is pegged to Public Service Salary Scale 6. The selected candidate will be expected to enter into a full-time indefinite contract.

The Manager (Policy and Training) must be in possession of: a) a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Diplomacy, Anthropology, Humanitarian Action, International Relations, Social Studies, Sociology, Psychology, Public Policy, Gender Studies, Law, Communications, European Studies or a comparable professional qualification, plus two (2) years relevant work experience OR

b) a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Anthropology, Contemporary Mediterranean Studies, International Relations, Social Studies, Sociology, Psychology, Humanities, Social Policy, Communications, Law, European Studies or a comparable professional qualification plus four (4) years relevant work experience.

Applicants should have good communication skills including good writing skills in both Maltese and English, and must also be able to use relevant MS Office applications.

Interested persons should send their application together with a detailed CV to the A/Executive Director by not later than Monday, 3rd February, 2020. Late submissions will not be considered.

NCPE
Gattard House
Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2295 7850
Email: (equality@gov.mt)
Website: (www.equality.gov.mt)

17th January, 2020

AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI

Post mal-Awtorità dwar il-Mediċini

L-Awtorità dwar il-Mediċini tilqa' applikazzjonijiet għal:

Senior Quality Assessor (Permess tal-Jobsplus Nru. 01/2020)

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (www. medicinesauthority.gov.mt/careers).

Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tas-Sibt, is-7 ta' Marzu, 2020, lil (hr. medicinesauthority@gov.mt).

Is-17 ta' Jannar, 2020

MEDICINES AUTHORITY

Post with the Medicines Authority

The Medicines Authority invites applications for:

Senior Quality Assessor (Jobsplus Permit No. 01/2020)

Further information may be obtained from (www. medicinesauthority.gov.mt/careers).

Applications are to be submitted by not later than noon of Saturday, 7th March, 2020, to (hr.medicinesauthority@gov.mt).

17th January, 2020

KUNSILL LOKALI Ħ'ATTARD

Post ta' Supervisor Full-time (Skala 16)

Ħarġet vakanza fi ħdan il-Kunsill Lokali Ħ'Attard għall-post ta':

Supervisor Full-time (Skala 16)

Kandidati prospettivi huma meħtieġa li jkollhom il-kwalifiki li ġejjin:

Supervisor (Skala 16)

Minimu ta' 3 snin esperjenza li jaħdmu ma' ħaddiema taħt il-kontroll tagħhom u jagħmlu superviżjoni ta' xogħlijiet li qed isiru. Ikun jaf juża l-kompjuter u jagħmel xogħlijiet ta' plumbing.

Applikanti li jkollhom dawn il-kwalifiki u jixtiequ japplikaw għal dan ix-xogħol għandhom jissottomettu Curriculum Vitae flimkien ma' kopji taċ-ċertifikati rilevanti. Applikazzjonijiet għandhom jaslu f'dan l-uffiċċju sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 24 ta' Jannar, 2020, indirizzati lil:

Is-Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħ'Attard
6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard

Il-kandidati għandhom jattendu għal intervista.

Is-17 ta' Jannar, 2020

Ħ'ATTARD LOCAL COUNCIL

Post of Full-Time Supervisor (Scale 16)

A vacancy has arisen within the Ħ'Attard Local Council for the post of a:

Full-Time Supervisor (Scale 16)

Prospective candidates are required to satisfy the following requirements:

Supervisor (Scale 16)

Minimum of 3 years experience working with employees under his/her charge and supervising the works being carried out. Has to be computer literate and also familiar with electrical and plumbing works.

Applicants who satisfy the above requirements, wishing to apply for this job, may submit a detailed Curriculum Vitae together with copies of relevant certificates. Applications should reach this office by not later than Friday, 24th January, 2020, addressed to:

The Executive Secretary
Ħ'Attard Local Council
6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard

Candidates will be required to sit for an interview.

17th January, 2020

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet għall-Awtorizzazzjoni għall-Persuni li Jagħmlu Installazzjoni tal-Elettriku skont l-Avviż Legali 225 tal-2010 Awtorizzazzjoni – Frar 2020

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż tal-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Il-Furjana fuq in-numru tat-telefown 2598 2958.

Is-17 ta' Jannar, 2020

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation Examination Required for the Application of Authorisation of a Service Provider for Electrical Installations as per Legal Notice 225 of 2010 – February 2020

The Director of Examinations notifies that the notice of the above-mentioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the notice of the examination are advised to contact immediately the Department of Examinations, Floriana on telephone number 2598 2958.

17th January, 2020

MINISTRY FOR FOREIGN AFFAIRS AND TRADE PROMOTION

Scholarships Offered by the Government of the People's Republic of China for Postgraduate or Undergraduate Studies in any Discipline 2020/2021

(For Maltese Citizens Only)

The Government of the People's Republic of China is offering 3 scholarships for the academic year of 2019/20 for Maltese students to study as graduate, undergraduate or visiting scholars at Chinese Universities. The expense of international transport should be borne by the students themselves.

All the qualified applicants should log on (www.csc.edu.cn/studyinchina) or (www.campuschina.org) to apply online. Online applications and the corresponding application documents should be submitted to the Chinese Embassy by not later than 14th February, 2020. Enclosed are the reference materials which could also be downloaded from the website (http://www.csc.edu.cn/studyinchina) or (www.campuschina.org).

A copy of all the application forms as indicated above should be also submitted to the Scholarships Section at the Ministry for Foreign Affairs and Trade Promotion, Valletta from 8.30 a.m. to noon and 1.00 p.m. to 3.00 p.m by the same deadline of the 14th February, 2020. The documents indicated below should also be submitted to the Ministry's scholarship section:

(a) a Curriculum Vitae
(b) a copy of the degree(s) obtained;
(c) a University/Faculty/School transcript detailing results and grades obtained;
(d) MFTP Application Form (https://foreignaffairs.gov.mt/en/Pages/Scholarships.aspx)
(e) two printed copies of Application Form For Chinese Government Scholarship together with Foreigner Physical Examination Form
(f) applicants for graduate programmes or senior scholar programmes must submit two letters of recommendation in Chinese or English from professors or associate professors.

Sealed tenders will be received at the Nadur Local Council up to 10.00 a.m. on Tuesday, 11th February, 2020, for:

Advt No. NLC/11/2019. Resurfacing of Triq ir-Ramla l-Ħamra.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

17th January, 2020

ĦAL LUQA LOCAL COUNCIL

The Ħal Luqa Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Luqa Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Monday, 3rd February, 2020, for:

Advt No. LLC/T/1/20. Restoration of the statue of the Immaculate Conception in Ħal Luqa (re-issued).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-17 ta' Jannar, 2020

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

17th January, 2020

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
Din l-offerta qed tiġi kkunsidrata għall-iffinanzjar parzjali tal-Unjoni Ewropea
Rata ta' Kofinanzjament:
75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali

Rural Development Programme for Malta 2014-2020
This tender is being considered for European Union part-financing
Co-financing Rate:
75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe investing in rural areas

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ (Għawdex) jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ (Għawdex), permezz tal-ePPS, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Frar, 2020, għal:

Kwot. Nru. ZGLC/01/2020. Ġbir ta' skart domestiku fil-lokalità taż-Żebbuġ u Marsalforn, Għawdex b'mod li ma ssirx ħsara 'l-ambjent.

Dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-17 ta' Jannar, 2020

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ (Gozo) Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Żebbuġ (Gozo) Local Council through ePPS, up to 10.00 a.m. on Friday, 7th February, 2020, for:

Advt No. ZGLC/01/2020. Collection of household waste from the locality of Żebbuġ and Marsalforn, Gozo in an environmentally friendly manner.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

17th January, 2020

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ (Għawdex) jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ (Għawdex), permezz tal-ePPS, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Frar, 2020, għal:

Kwot. Nru. ZGLC/02/2020. Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq tas-Sagħtrija, Iż-Żebbuġ, Għawdex.

Dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-17 ta' Jannar, 2020

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ (Gozo) Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Żebbuġ (Gozo) Local Council through ePPS, up to 10.00 a.m. on Friday, 7th February, 2020, for:

Advt No. ZGLC/02/2020. Restoration of rubble walls at Triq tas-Sagħtrija, Żebbuġ, Gozo.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

17th January, 2020

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' Kofinanzjament: 75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR):
L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali

Rural Development Programme for Malta 2014-2020
Tender part-financed by the European Union
Co-financing Rate: 75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe investing in rural areas

KUNSILL LOKALI ĦAD-DINGLI

Il-Kunsill Lokali Ħad-Dingli jgħarraf li:

Sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Frar, 2020, jintlaqgħu offerti fil-Kunsill Lokali Ħad-Dingli permezz tal-ePPS, għal:

Avviż Nru. DLC 01/2020. Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ f'Ħad-Dingli.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

ĦAD-DINGLI LOCAL COUNCIL

The Ħad-Dingli Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħad-Dingli Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Friday, 14th February, 2020, for:

Advt. No. DLC 01/2020. Restoration of rubble walls in Ħad-Dingli.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).


Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

Is-17 ta' Jannar, 2020

17th January, 2020



Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' Kofinanzjament: 75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR):
L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali



Rural Development Programme for Malta 2014-2020
Tender part-financed by the European Union
Co-financing Rate: 75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe investing in rural areas

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

59

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'digriet tal-20 ta' Diċembru, 2019, u dan wara rikors b'numru 968/2019, ordnat:

It is hereby notified in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 20th of December, 2019, and this after a written plea numbered 968/2019, ordered:

Il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' Christopher John Smart, li jġib in-numru 2510 tas-sena 2019, billi jeffettwa l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa biex il-kunjom "Smart" jiġi sostitwit bil-kunjom "Jones".

The correction of the Act of Birth of Christopher John Smart, bearing number 2510 of the year 2019, to affect all necessary annotations so that the surname "Smart" is substituted by the surname "Jones".

Reġistru tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

Illum, it-Tlieta, 14 ta' Jannar, 2020

Today, Tuesday, 14th January, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputat Reġistratur, Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

MARUSKA BALDACCHINO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

60

B'digriet mogħti fl-10 ta' Jannar, 2020, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) fuq rikors numru 1931/2019 ippreżentat min-Nutar Dottor Angela Bezzina għan-nom ta' Sharon Saliba fejn fih ġie ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Mary Saliba (KI 0759645M), mart Carmelo Saliba, bint il-mejtin Joseph Camilleri u Francesca nee Mallia, imwielda s-Siġġiewi, Malta u mietet Ħal Luqa, Malta fit-12 ta' Awwissu, 2017, ta' 71 sena.

By means of a decree given on the 10th of January, 2020, by the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on an application number 1931/2019 filed by Notary Doctor Angela Bezzina on behalf of Sharon Saliba, wherein it has been ordered the opening and publication of the secret will of Mary Saliba (ID 0759645M), wife of Carmelo Saliba, daughter of the late Joseph Camilleri and of the late Francesca nee Mallia, born in Siġġiewi, Malta and died in Ħal Luqa, Malta on the 12th August, 2017, aged 71 years.

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment se jsir nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Frar, 2020, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) fl-Annexe tal-Qorti bin-numru 34, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta taħt il-Ministeru tan-Nutar Dottor Angela Bezzina.

The opening and publication are going to be held on Friday, 7th February, 2020, at eleven o'clock in the morning (11.00 a.m.) at the Annexe of the Law Courts at 34, Triq id-Dejqa, Valletta under the ministry of Notary Doctor Angela Bezzina.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 14 ta' Jannar, 2020

FREDERICK STAGNO NAVARRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today the 14th January, 2020

FREDERICK STAGNO NAVARRA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

61

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-8 ta' Novembru, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fid-8 ta' Novembru, 2019, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi taċ-ċens bin-numru 318/2019, ta' Karkanja Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C 27062, Martin Mercieca, self-employed, detentur tal-karta tal-identità numru 28180G, Rodian Mercieca mara tad-dar, detentriċi tal-karta tal-identità numru 11583G, Diane Falzon, skrivana l-bank, detentriċi tal-karta tal-identità numru 36883G, l-imsemmija Diane Falzon għandha s-separazzjoni tal-beni u dan bis-saħħa ta' kuntratt datat sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech versus kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lit-terzi injoti illi huma proprjetarji tad-dirett dominju msemmi f'din iċ-ċedola ppreżentata fit-8 ta' Novembru, 2019, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens hawn fuq imsemmija kif ukoll fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. L-esponenti jesponu bir-rispett:

Illi b'kuntratt datat tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ippubblikat fl-atti tan-Nutara Dr Maria Vella Magro, l-esponenti Martin u Rodian konjuġi Mercieca u Diane Falzon (dakinhar Mercieca) kienu xtraw u akkwistaw mill-poter tas-soċjetà Lomond Limited porzjon art tal-kejl ta' ċirka elfejn u ħamsa u ħamsin metru kwadru (2,055m.k.) konfinanti min-Nofsinhar ma' beni ta' Michael Portelli, Tramuntana in parti ma' beni tal-istess esponenti konjuġi Mercieca u Diane Falzon u in parti ma' beni ta' Joseph Hili, Lvant ma' beni tal-familja Stellini u Punent ma' beni ta' Ġużepp Vella jew l-aventi kawża tiegħu. Din il-porzjoni hija murija bl-ittra "A" u delineata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated 8th November, 2019, the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Whereas by a decree dated the 8th November, 2019, in the records of the schedule of deposit and redemption of ground rent number 318/2019 by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section upon an application filed by Karkanja Limited, company registration number C 27062, having its registered office at number fourteen (14), Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Gozo, Martin Mercieca, self-employed, holder of identity card number 28180(G) and Rodian Mercieca, holder of identity card number 11583G, Diane Falzon, holder of identity card number 36883G, Diane Falzon benefits from the system of community of residue under separate administration, by virtue of the deed dated sixth (6th) January of the year two thousand sixteen (2016) published in the acts of Notary Enzo Dimech versus a deputy curator nominated to represent third party proprietors of the direct dominium mentioned in this schedule of deposit and redemption of ground rent, filed on the 8th November, 2019, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, as well as the other related and subsequent acts. The applicants respectfully submit:

That by virtue of a deed dated second (2nd) of July of the year two thousand fifteen (2015) published in the acts of Notary Doctor Maria Vella Magro, applicants Martin and Rodian spouses Mercieca and Diane Falzon (formerly Mercieca) had purchased and acquired from the power of the company Lomond Limited the portion of land measuring circa two thousand and fifty-five square metres (2,055 sq m) bounded on the South with property of Michael Portelli, North in part with property of the same applicants spouses Mercieca and Diane Falzon, and in part with property of Joseph Hili, East with property of family Stellini and West with property of Guzepp Vella or his successors in title. This

annessa mal-istess kuntratt tat-tnejn (2) ta' Lulju, 2015. Kopja tal-istess kuntratt kif wkoll is-site plan huma annessi u mmarkati bħala Dokument A;

Illi b'kuntratt datat wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru, 2016, ippubblikat fl-atti tan-Nutara Dr Anna Theuma, is-soċjetà Karkanja Limited akkwistat mingħand l-esponenti konjuġi Mercieca u Diane Falzon b'titolu ta' permuta l-porzjoni art tal-kejl ta' ċirka mija u sebgħa u għoxrin metru kwadru (127m.k.) konfinanti mil-Lvant ma' Triq Marsalforn, Tramuntana ma' beni ta' Karkanja Limited stess, Nofsinhar ma' beni tal-konjuġi Michael u Margaret Portelli u Punent ma' beni tal-esponenti konjuġi Mercieca u Diane Falzon, kif murija aħjar delineata in parti bil-kulur aħmar u mmarkata bl-ittra "G", in parti bil-kulur aħmar u mmarkata bl-ittra "F", in parti bil-kulur aħmar u mmarkata bl-ittra "E" u in parti bil-kulur aħmar u mmarkata bl-ittra "D" fuq il-pjanta mmarkata bin-numru wieħed "1" fuq l-istess kuntratt tal-2016. Is-sit kollu u l-inħawi tal-madwar huma murija aħjar fuq site-plan annessa u mmarkata bin-numru tnejn "2" mal-istess kuntratt. Kopja tal-kuntratt tal-21 ta' Ottubru, 2016, inkluż il-pjanti annessi miegħu huwa anness u mmarkat bħala Dokument B;

Illi s-soċjetà Lomond Limited kienet akkwistat l-art u l-entrata li llum jappartjenu f'parti diviża minnha lis-soċjetà esponenti Karkanja Limited u f'parti diviża oħra lill-esponenti konjuġi Mercieca u Diane Falzon b'kuntratt datat disgħa (9) ta' Awwissu tal-elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Ino Mario Grech kif korrett b'kuntratt ieħor datat wieħed u għoxrin (21) ta' Settembru tal-elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Michael Refalo. Kopja ta' dawn il-kuntratti huma annessi u mmarkati bħala Dokumenti C u D rispettivament;

Illi għalkemm fil-kuntratti tat-tnejn (2) ta' Lulju, 2015, u l-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru, 2016, il-porzjonijiet art indikati f'dawn il-kuntratti kienu ġew deskritti bhala liberi u franki, irriżulta li fit-termini tal-kuntratt tad-disgħa (9) ta' Awwissu, 1995, il-porzjon art tal-kejl li eventwalment illum qiegħda in parti f'idejn l-esponenti konjuġi Mercieca u Diane Falzon u in parti f'idejn is-soċjetà Karkanja Limited kienet soġġetta għal ċens annwu u perpetwu u mhux rivedibbli ta' sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm 0.47) illum ekwivalenti għal ewro u disa' ċenteżmi (€1.09). Dan iċ-ċens ma jirriżultax lil min għandu jitħallas;

Illi huma wkoll dovuti l-arretrati taċ-ċens għal dawn l-aħħar ħames snin, liema arretrati jammontaw għal ħames ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€5.45);

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakoltà mogħtija lilhom mill-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili

portion is shown with the letter 'A' and marked in red on the site plan annexed to the same deed dated second (2nd) of July, 2015. A copy of the same contract as well as the site-plan are hereto annexed and marked as Document A;

That by virtue of a deed dated twenty-first (21st) October, 2016, published in the acts of Notary Doctor Anna Theuma, the company Karkanja Limited acquired from the applicants spouses Mercieca and Diane Falzon by title of exchange the portion of land measuring circa one hundred and twenty-seven square metres (127 sq. m.) bounded on the East with Triq Marsalforn, North with property of Karkanja Limited, South with property of spouses Michael and Margaret Portelli, and West with property of the applicants spouses Mercieca and Diane Falzon, as better shown outlined in red and marked with the letter 'G', in part in red and marked with the letter 'F', in part in red and marked with the letter 'E', and in part in red and marked with the letter 'D' on the site-plan marked with the number one '1' on the same deed of 2016. The whole site and its neighbourhood are better shown on the site-plan annexed and marked with the number two '2' to the same deed. A copy of the deed dated twenty-first (21st) October, 2016, including the attached site-plans is hereto attached and marked as Document B;

That by virtue of the deed dated ninth (9th) August of the year nineteen ninety-five (1995) published in the acts of Notary Ino Mario Grech as corrected by another deed dated twenty-first (21st) of September of the year nineteen ninety-five (1995) published in the acts of Notary Michael Refalo, Lomond Limited had acquired the land and entrance, a divided part of which today is owned by applicant company Karkanja Limited whereas the remaining divided part is owned by applicants spouses Mercieca and Diane Falzon. A copy of these deeds are hereto attached and marked Documents C and D respectively;

That despite the fact that in the deeds dated second (2nd) July, 2015, and twenty-first (21st) of October, 2016, the portions of land indicated in these deeds had been described as free and unencumbered, it resulted that in terms of the deed dated ninth (9th) August, 1995, the portion of land presently owned in part by applicants spouses Mercieca and Diane Falzon and in part by Karkanja Limited was subject to an annual and perpetual, non-revisable groundrent of forty-seven cents (LM0.47), equivalent today to one euro and nine cents (€1.09). It is not clear to whom this groundrend is to be paid;

That groundrent arrears covering the last five years are still due, which arrears amount to five euro and forty-five cents (€5.45);

That applicants wish to avail of the possibility afforded to them by virtue of article 1501 of the Civil Code and redeem

u jirredimu ċ-ċens illi kapitalizzat bil-ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal wieħed u għoxrin ewro u tmenin ċenteżmu (€21.80).

Għaldaqstant l-esponenti sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma globali ta' sebgħa u għoxrin ewro u ħamsa u għoxrin ewro ċenteżmi (€27.25) rappreżentanti in kwantu għall-ammont ta' ħames ewro u ħamsa u erbgħin ewro ċenteżmi (€5.45) arretrati ta' ċens għal dawn l-aħħar ħames snin filwaqt li r-rimanenti wieħed u għoxrin ewro u tmenin ċenteżmu (€21.80) huma fidi taċ-ċens gravanti l-proprjetà fuq deskritta. Is-somma hekk depożitata għandha tiġi liberament żbankata minn min huwa intitolat għaliha u dan wara li dan iħalli d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: Karkanja Limited, Martin u Rodian konjuġi Mercieca u Diane Falzon ta' c/o Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex

Notifika intimat: Kuratur Deputat

Notifika wkoll: Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Reġistru Pubbliku, Triq ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex (żewġ kopji)

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bhala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 14 ta' Jannar, 2020

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

DIANE FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

the ground-rent which, capitalised at the rate of five per cent (5%) amounts to twenty-one euro and eighty cents (€21.80).

Therefore in order to absolve themselves from any responsibility, the applicants are depositing under the authority of this Honourable Court the global sum of twenty-seven euro and twenty-five cents: the amount of five euro and forty-five cents (€5.45) represents groundrent arrears for the last five years, while the remaining twenty-one euro and eighty cents (€21.80) are redemption of groundrent burdening the property as described above. The sum so deposited may be retrieved by whosoever is so entitled to it, provided due receipt of the sum so received is given.

Applicant: Karkanja Limited, Martin and Rodian spouses Mercieca and Diane Falzon of c/o Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Gozo

Notify Respondent: Deputy Curator

Additional Notifications: Director Public Registry, Off the Bastion Street, Victoria, Gozo (two copies)

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section under the signature of Magistrate Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the said Court.

This 14th January, 2020

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section

DIANE FARRUGIA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

62

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fis-sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) (Rikors numru 2/2020BS) minn Dr Marlin Vella, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Paola Vella, xebba, bint il-mejtin il-mejtin Michaelangelo Vella u Maria née Grech, imwielda u ġja residenti Kerċem, Għawdex, mietet ir-Rabat, Għawdex, fl-erbgħa (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019), intestata, liema apertura għandha ssir favur ħutha Joseph Vella, Victoria Grech, fi kwota ta' wieħed minn sitta (1/6) indiviż kull wieħed u waħda minnhom, l-Avukat Dr Marlin Vella, Mark Vella, it-tabib Joseph Vella fi kwota ta' wieħed minn tmintax (1/18) indiviż kull wieħed, Joseph Grima, Michael Angelo Grima u Mary Anne Xerri fi kwota ta' wieħed minn tmintax (1/18) indiviż kull wieħed u waħda minnhom, Bernard Vella u Gordon Vella fi kwota ta' wieħed minn tnax (1/12) indiviż kull wieħed, u Martin Vella, Vicky Grech u Marlene Galea fi kwota ta' wieħed minn tmintax (1/18) indiviż kull wieħed u waħda minnhom, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 14 ta' Jannar, 2020

DORIANNE CORDINA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the seventh (7th) of January of the year two thousand and twenty (2020) (Application number 2/2020BS) by Doctor Marlin Vella, requested the opening of succession of Paola Vella, spinster, daughter of the late Michelangelo Vella and Maria née Grech, born and used to reside in Kerċem, Gozo, died in Victoria, Gozo on the fourth (4th) of March of the year two thousand and nineteen (2019), intestate, which opening of succession is to be made in favour of her siblings Joseph Vella, Victoria Grech as to one sixth (1/6) undivided share each one of them; Lawyer Dr Marlin Vella, Mark Vella and Doctor Joseph Vella as to one of eighteen (1/18) undivided share each; Joseph Grima, Michael Angelo Grima and Mary Anne Xerri as to one of eighteen (1/18) undivided share each one of them; Bernard Vella and Gordon Vella as to one of twelve (1/12) undivided share each and Martin Vella, Vicky Grech and Marlene Galea as to one of eighteen (1/18) undivided share each one of them.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction

This 14th January, 2020

DORIANNE CORDINA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

63

B'digriet tal-10 ta' Jannar, 2020, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C 41030 fit-18 ta' Settembru, 2019, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €122.02 minn BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 1798/2019 fl-ismijiet:

BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc C 41030

vs

By a decree of the 10th January, 2020, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by the application filed by BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc with the registration number C 41030 on the 18th September, 2019, is asking for the withdrawal of the amount of €122.02 by BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc deposited by the Schedule of Deposit number 1798/2019 in the names of:

BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc C 41030

vs

Carl Christopher Seabrook KI 372502L

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti b'jumejn (2) żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum it-Tlieta, 14 ta' Jannar, 2020

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Carl Christopher Seabrook ID 372502L

The Court ordered the notification of this application with two (2) days for filing a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Tuesday, 14th January, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

64

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-23 ta' Diċembru, 2019, fuq rikors ta' Thebes Holdings Limited, bin-numru tar-reġistrazzjoni C 48972, ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 19 ta' Frar, 2020, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'garaxx numru tnejn (2), Triq il-Baltiku, San Ġiljan tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Printshop Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C 52250.

Roland VS 540 Printer bit-take up system, maintenance kit, plastic ink system x8, spare motor, spare servo baroad u software CD;
Espson Printer 1400 b'ciss għal Due Sublimation Artanium Inks;
Epson Printer 1400 b'ciss għal Chromablast Inks;
6 in 1 heat press ta' kulur iswed b'ħames (5) attachments;
6 in 1 heat press;
Foison Vinyl cutter;
Photo Print software bid-Dongle;
Display systems;
Computer (Tower)

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bhalma ġie deskritt fl-atti tas-Subbasta numru 18/19.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum L-Erbgħa, 15 ta' Jannar, 2020

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 23rd December, 2019, on the application of Thebes Holdings Limited, with the registration number C 48972, Wednesday, 19th February, 2020, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held at garage number two (2), Triq il-Baltiku, San Ġiljan of the following items seized from the property of Printshop Limited with the registration number C 52250.

Roland VS 540 Printer with take up system, maintenance kit, plastic ink system x8, spare motor, spare servo baroad and software CD;
Espson Printer 1400 with ciss for Due Sublimation Artanium Inks;
Epson Printer 1400 with ciss for Chromablast Inks;
6 in 1 heat press black in colour with five (5) attachments;
6 in 1 heat press;
Foison Vinyl cutter;
Photo Print software with Dongle;
Display systems;
Computer (Tower)

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of Judicial Sale number 18/19.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 15th January, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

65

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fit 3 ta' Diċembru, 2019, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Nicholas Farrugia vs Paula Jean Vella, Rikors Numru 88/18, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Paula Jean Vella, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell wara deċiżjoni taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ mogħtija

By means of a decree given by the Court of Appeal on the 3rd December, 2019, in the records of the Application in the names Nicholas Farrugia vs Paula Jean Vella, Application Number 88/18, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Paula Jean Vella, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, following the decision of the Maltese Arbitration Centre,

fis-26 ta' Lulju ,2018, fl-Arbitraġġ Mandatarju bin-numru M3983/2014, fl-ismijiet Nicholas Farrugia vs Paula Jean Vella, fid-9 ta' Awwissu, 2018, ir-rikorrenti Nicholas Farrugia (KI 319260M) espona bir-rispett:

1. Illi l-esponent ħassu aggravat minn deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ u ċjoè mil-Lodo Arbitrali tas-26 ta' Lulju, 2018, fl-ismijiet fuq premessi.

… omissis …

2. Illi għaldaqstant l-esponent hawn appellant qiegħed jinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi għall-aħjar intendiment ta' dan l-appell ikun opportun li tiġi elenkata l-kronoloġija tal-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni.

i) L-esponent fl-Arbitraġġ bin-numru M3983/2014 ressaq talba quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fl-14 ta' April, 2014, fejn talab lill-istess Ċentru sabiex isib responsabbiltà u ħtija fl-intimata Paula Jean Vella hawn appellata u sabiex l-istess appellata tiġi kkundannata tħallas lill-esponent id-danni minnu subiti ammontanti għal €477.90.

ii) L-intimata apellata, debitament notifikata bl-atti ta' dan l-Arbitraġġ fl-24 ta' April, 2014, intavolat ir-risposta tagħha fejn ikkontestat it-talbiet rikorrenti.

… omissis …

v) L-Arbitru għaddiet għad-deċiżjoni tagħha fuq it-talbiet attriċi u fuq l-eċċezzjonijiet imressqa mill-partijiet permezz tal-Lodo Arbitrali tas-26 ta' Lulju, 2018.

Illi minn analiżi tax-xhieda u tad-dokumentazzjoni prodotta mill-partijiet fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, hija l-fehma kkunsidrata tal-Arbitru li entrambi l-partijiet għandhom nuqqasijiet li kkontribwew għall-inċident.

4. Illi kif ġja ngħad l-esponent ħassu leż u ppreġudikat minn din l-imsemmija deċiżjoni tal-Arbitru u għaldaqstant qed jagħmel użu mid-dritt moghti lilu ai termini tal-Artikolu 70c tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jissottometti s-segwenti gravami u osservazzjonijiet rigwardanti l-imsemmija deċiżjoni arbitrali.

5. Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

L-Arbitru kellha tippronunzja ruħha b'mod differenti għas-sejbien ta' ħtija għall-inċident awtomobilistiku mertu tal-proċeduri odjerni fid-dawl tal-provi prodotti quddiemha.

given on the 26th July, 2018, in the Mandatary Arbitration with number M3983/2014, in the names Nicholas Farrugia vs Paula Jean Vella, on the 9th August, 2018, the applicant Nicholas Farrugia (ID 319260M) respectfully pleaded:

1. That the interpellant felt aggrieved by a decision given by the Maltese Arbitration Centre and namely the Arbitration Award of the 26th July, 2018, in the names above premised.

… omissis …

2. That thus the interpellant here appellant is filing this humble appeal before this Honourable Court.

3. That for the better understanding of this appeal it will be oportune that there be listed the chronolgy of the facts that gave rise to the present procedures.

i) The interpellant in the Arbitration with number M3983/2014 brought forward a request before the Maltese Arbitration Centre on the 14th April, 2014, whereby he asked the same Centre in order to find the respondent herein respondent responsible and guilty and so that the same respondent be condemned to pay the interpellant the damages suffered by him amounting to €477.90.

ii) The respondent duly notified with the records of this Arbitration, on the 24th April, 2014, filed her reply whereby she contested the applicant's demands.

… omissis …

v) The Arbitrator passed on to decide on the plaintiff's demands and the pleas brought by the parties by means of the Arbitration Award of the 26th July, 2018.

That from an analysis of the evidence and the documentation produced by the parties in the records of this Arbitration, it is the considered the opinion of the Arbitrator that both the parties have shortcomings that contributed to this incident.

4. That as already stated, the interpellant felt aggrieved and prejudiced by the said decision of the Arbitrator and thus he is availing himself of the right given to him in terms of Article 70c of Cap. 387 of the Laws of Malta, in order to submit the following grievances and observations regarding the said arbitration decision.

5. That the grievcance is clear and manifest and consists in the following:

The Arbitrator had to pronounce herself in a different manner for the finding of guilt for the car incident merit of the present procedures in the light of the proof brought before her.

… omissis …

6. Huwa proprju għalhekk li l-esponent umilment jissottometti illi l-Arbitru ma kinitx ġusta fil-konklużjoni tagħha meta addossat parti mir-responsabbiltà fuqu għaliex 'ma kienx f'pożizzjoni li huwa jevita l-inċident mata ffaċċjat bil-manuvra li wettqet ix-xufiera l-oħra'.

… omissis …

9. Illi mid-depożizzjoni mogħtija mill-esponent fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2016, jirriżulta b'mod ċar illi l-verżjoni minnu mogħtija hija ferm aktar verosimili minn dik tal-intimata appellata.

… omissis …

10. Illi skont il-ġurisprudenza nostrana, meta sewwieq jiġi rinfaċċjat b'sudden emergency minħabba manuvraażżardata ta' sewwieq ieħor speċjalment meta tali manuvra timblokka u tinvadi l-karreġġjata tiegħu, timplika awtomatikament li s-sewwieq li ġie maħsud bil-manuvra tal-vettura l-oħra li tkun invadietlu l-karreġġjata huwa eżonerat minn kull forma ta' responsabbiltà sakemm ma jkunx ippruvat illi kien hemm fattur kontributorju da parti tiegħu għall-akkadut.

… omissis …

14. In vista tal-premess ġaladarba jirriżulta li l-esponent kien rinfaċċjat bil-manuvraażżardata tal-intimata appellata kompletament għal għarrieda b'tali mod li ma kellux biżżejjed ħin u distanza li jiskapulaha, huwa evidenti illi hija l-istess manuvra li ħolqot stat ta' emerġenza għall-imsemmi esponent li kienet il-kawża unika ta' dan is-sinistru.

Għaldaqstant filwaqt illi r-rikorrent hawn appellant jagħmel referenza għax-xhieda u għall-atti proċesswali kollha u jirriżerva d-dritt li jipproduċi provi, xhieda u sottomissjonijiet ulterjuri skont il-liġi u prevja kull provvedimnent opportun fiċ-ċircostanzi, jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tilqa' dan l-appell u tirriforma d-deċiżjoni arbitrali mogħtija fis-26 ta' Lulju, 2018, kif mitlub f'dan ir-rikors, inkluż il-ħlas tal-imgħax legali b'effett mis-27 ta' Jannar, 2014, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimata appellata.

B'Avviż maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri fis-6 ta' Diċembru, 2019, u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell, bejn Nicholas Farrugia u Paula Jean Vella, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għall-Ġimgħa, erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar, 2020, fl-10.15 a.m.

Notifika intimata: Paula Jean Vella, 191, Ocean Pearl, Flat C ,Triq il-Gross, Marsaskala

… omissis …

6. It is thus why the interpellant humbly submits that the Arbitrator was not just in her conclusion when it put part of the responsibility on him because 'he was not in a position to avoid the incident when faced with the manoeuvre that the other driver made'.

… omissis …

9. That from the deposition given by the interpellant in the sitting of the 2nd March, 2016, it clearly results that the version given by him is more reliable than that of the respondent defendant.

… omissis …

10. That according to our jurisprudence, when a driver is faced with a sudden emergency due to the hazardous manoeuvre of another driver especially when such manoeuvre blocks and invades his carriageway, it automatically implies that the driver who was shocked by the manoeuvre of the other vehicle which invaded his carriageway is exhonerated from every from of responsibility until it is proved that there is a contributory factor on his part for the incident.

… omissis …

14. In view of the premised, once it results that the interpellant was faced with the completely hazardous manoeuvre of the respondent defendant all of a sudden in such a manner that he did not have enough time and distance to avoid it, it is clear that the same manoeuvre which created a state of emergencyto the said interpellant, was the sole cause of this accident.

Thus whilst the applicant here appellant refers to the evidence and all the records of the proceedings and reserves the right to bring forward the proof, witnesses and further submissions according to law and saving any opportune provision in the circumstances, humbly prays this Honourable Court of Appeal to uphold this appeal and reform the arbitration decision given on the 26th July, 2018, as demanded in this application, including the payment of legal interest, with effect from the 27th January, 2014, till the date of effective payment and with costs of both instances against the same defendant respondent.

By means of a Notice issued by the Registry Superior Courts, on the 6th December, 2018, and whereas the written proceedings before the Court of Appeal between Nicholas Farrugia and Paula Jean Vella have been closed, the Court fixed the hearing of this cause on Friday, twenty-fourth (24) of January, 2020, at 10.15 a.m.

Notify Respondent: Paula Jean Vella, 191, Ocean Pearl, Flat C, Triq il-Gross, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 15 ta' Jannar, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 15th January, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

66

Illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Settembru, 2019, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika fil-konfront ta' Das Neves Pereira Helena Maria skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Xuereb David John (KI 53883M) ta' lNru 21, Aotearoa, Vjal it-Torri, Il-Gudja, Malta, ippreżenta Talba, fit-12 ta' Settembru, 2019, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Helen Maria das Neves Pereira (passaport Portugiż Nru C779127, karta tal-identità Maltija 0216058A) ta' Osterley Court, Flat 2, Triq il-Qaliet, Marsaskala, Malta, sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' €1,350 liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż

Il-kawża (Avviż Nru 261/19KCX) hija differita għall-21 ta' Jannar, 2020, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of the 12th September, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Das Neves Pereira Helena Maria in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Xuereb David John (ID 53883M) of No. 21, Aotearoa, Vjal it-Torri, Gudja, Malta, filed a Claim on the 12th September, 2019, whereby he asked the Tribunal to condemn Helen Maria das Neves Pereira (Portuguese passport number C779127, Maltese identity card 0216058A) of Osterley Court, Flat 2, Triq il-Qaliet, Marsaskala, Malta, to pay the plaintiff the sum of €1,350 which amount is due to the plaintiff.

With costs

The case (Claim Number 261/19KCX) is deferred on the 21st January, 2020, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 15th January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

67

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Mejju, 2019, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Iwaniec Roy, Rikors Numru 63/19 FDP, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Roy Iwaniec (KI 75468A) a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Roy Iwaniec (KI 75468A), il-Kummissarju tat-Taxxi espona bir-rispett:

Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu, 2010, tippromovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' rkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuti minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;

By means of a decree given by the First Hall Civil Court on the 20th May, 2019, in the records of the Application in the names Commissioner for Revenue vs Iwaniec Roy, Application number 63/19 FDP, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Roy Iwaniec (ID 75468A) in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court in the names Commissioner for Revenue vs Roy Iwaniec (ID 75468A), the Commissioner for Revenue respectfully pleaded:

That Council Directive No. 2010/24/EU, namely the Mutual Assistance for the Recovery of Claims relating to Taxes, Duties and Other Measures Order of the 16th March, 2010, promotes and regulates collaboration between Member States in respect of recovery of tax or/and duties owed by debtors of one Member State, who are present in another Member State's territory, and other measures;

Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar, 2012, u li jippermetti lill-Ministru responsabbli għall-Finanzi, bħala l-awtorità kompetenti, sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;

Illi ai termini tad-Direttiva msemmija, l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, ossija l-Awtorità applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxi, f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess Awtorità applikanti;

Illi l-intimat għandhu taxxa dovuta lill-Awtorità applikanti tar-Renju Unit fl-ammont ta' disgħa u tmenin elf u ħames mitt ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€89,500.59) kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', oltre interessi skont l-Att dwar it-Taxxa (Kap. 123 u 372 tal-Liġijiet ta' Malta, liema interessi jiddekorru mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors;

Illi l-intimat huwa indikat li jinsab ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' rkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti rilevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;

Illi, kif ukoll, l-intimat għandhu dritt għal traduzzjoni tal-istess Dok. 'A' f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala Dok. 'B' sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tan-notifiki ta' Dok. 'A' u Dok. 'B'.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-subartikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' u Dok. 'B', jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A', bħala kopja uffiċjali tiegħu, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

That the Directive has been implemented in the Laws of Malta by virtue of the said Order transposed in Legal Notice 153 of 2012, which Order has come into force on the 1st January, 2012, and permits the Minister responsible for Finance, otherwise the competent authority, to collect the tax owed in the name of other Member States where the debtor is present in Malta;

That in terms of the mentioned Directive, the United Kingdom competent authority, otherwise the applicant authority, has made a claim for assistance to the applicant Commissioner for Revenue, acting on behalf of the Minister responsible for Finance, so that the applicant recovers tax that is owed to the applicant authority;

That the respondent owes tax to the United Kingdom applicant authority in the amount of eighty-nine thousand five hundred euro and fifty-nine cents (€89,500.59) as results from the Uniform Enforcement Instruments here attached and marked as Doc. 'A', besides interest according to the Income Tax Acts (Cap. 123 and 372 of the Laws of Malta) which interest starts running from the date upon the date of service of this application;

That the respondent company has been indicated as being registered in Malta and thus the applicant is hereby proceeding to collect the mentioned amount since the same debt is deemed to be owed to the applicant Commissioner for Revenue in terms of Article 9 of the mentioned Legal Notice;

That the applicant is satisfied that the requisites imposed by the mentioned Directive have been met with respect to this claim for recovery;

That, furthermore, the respondent company has a right to a translation of same Doc. 'A' into any of the official languages of the European Union, or of Malta. In this respect a document is being attached with this application and marked Doc. 'B' so that the respondent be specifically informed that such request is to be made within seven (7) days of service of Doc. 'A' and Doc. 'B'.

To that extent and in view of the above, the applicant respectfully requests that in accordance to sub-articles 9(6) and (7) of the mentioned Legal Notice, this Honourable Court in the first instance orders a copy of this application together with the documents hereby attached and marked as Doc. 'A' and Doc. 'B', to be served upon the respondent company according to Cap. 12 of the Laws of Malta, and in the second instance to order the registration of the same Doc. 'A', as official copy, such that said document constitutes executive title.

Lista ta' Dokumenti:

Dok. 'A' Strument Uniformi li jippermettui l-Infurzar sottomess mill-applikanti tar-Renju Unit

Dok. 'B' Dokument li bih l-intimat qed jiġi infurmat bid-dritt tiegħu li jista' jitlob traduzzjoni ta' Dok. 'A'

Ir-Rikors fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Iwaniec Roy, Rikors Numru 63/2019 FDP, jinsab differit għas-smigħ għat-30 ta' Jannar, 2020, f'12.00 p.m.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxi, Dipartiment tat-Taxxi Interni, Il-Furjana FRN 0170

Notifika:

104, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Tas-Sliema SLM 1377
32, Milner Flat No. 5, Triq Milner, Tas-Sliema SLM 1725
Blanch Residence, Maisonette 1, Triq il-Ġiebja, Is-Swieqi SWQ 3502

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Jannar, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

List of Documents:

Doc. 'A' Uniform Enforcement Instrument issued by the requesting authority of the United Kingdom

Doc. 'B' Document that informs the respondent of his right to request a translation of the Doc. 'A'

The Application in the names Commissioner for Revenue vs Iwaniec Roy, Application Number 63/2019 FDP, has been deferred for hearing to the 30th January, 2020, at 12.00 p.m.

Applicant: Commissioner for Revenue, Inland Revenue Department, Floriana FRN 0170

Respondent:

104, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Tas-Sliema SLM 1377
32, Milner Flat No. 5, Triq Milner, Tas-Sliema SLM 1725
Blanch Residence, Maisonette 1, Triq il-Ġiebja, Swieqi SWQ 3502

Registry of the Superior Courts, today 15th January, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

68

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-30 ta' Diċembru, 2019, fuq rikors ta' Scerri Victor (KI 557361M) pro et noe ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.), għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta taħt il-fond hawn taħt deskritt.

Showroom mingħajr isem u mingħajr numru uffiċjali mibnija fuq plot f'kantuniera li għandha l-faċċata prinċipali li tmiss ma' Triq it-Turisti b'kejl ta' ċirka dsatax-il metru punt ħamsa (19.5m) u l-faċċata sekondarja b'kejl ta' ċirka dsatax-il metru punt tmienja (19.8m) ma' Triq it-Trill, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar, b'aċċess dirett mill-imsemmija toroq u hija sottoposta għal blokk bl-isem Belveder Court u sovraposta garaxxijiet proprjetà ta' Chrismarmig Company Limited jew l-aventi causa tagħha, b'area superfiċjali ta' madwar ħames mija u seba' metri kwadri (507mk), mibnija fuq parti mill-porzjon diviża ta' art kif aħjar deskritta fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà tas-sitta u għoxrin (26) ta' April, elf disa' mija disgħa u disgħin (1999), libera u franka u eżenti minn kull ħlas ta' ċens u subċens annwu u perpetwu li jista' jiggravaha, stmat li tiswa miljun u erbatax-il elf ewro (€1,014,000).

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 30th December, 2019, on the application of Scerri Victor (ID 557361M) pro et noe, Tuesday, 25th February, 2020, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, near the Court Archives, Level -1, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

Showroom unnamed and unofficially numbered built on a corner plot to the main facade, bounded by Triq it-Turisti measuring approximately nineteen point five metres (19.5m) and a secondary facade measuring approximately nineteen point eight metres (19.8m) by Triq it-Trill, Qawra, San Pawl il-Bahar, with direct access from the said streets and is underlying the block named Belveder Court and overlying garages property of Chrismarmig Company Limited or its successors in title, with a superficial area of approximate five hundred and seven metres squared (507sqm), built on a divided portion of land as described in the acts of Notary Carmel Gafà dated twenty-sixth (26th) April, one thousand nine hundred and ninety-nine (1999), free and unencumbered and exempt from any annual and perpetual ground rent and sub rent that may burden the property, valued at one million and fourteen thousand euro (€1,014,000).

L-imsemmi blokk jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq minn fejn huwa aċċessibbli, mill-Punent ma' proprjetà ta' Falzon Service Station Limited u mil-Lvant ma' Triq it-Trill.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Portelli Joseph Mary (KI 536861M), Portelli Anna (KI 371660M) u Chrismarmig Company Limited (C 23992).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 21/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 15 ta' Jannar, 2020

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said block is bounded on the South by the said street from where it is accessible, West by property of Falzon Service Station Limited and East by Triq it-Trill.

The said tenement is the property of Portelli Joseph Mary (ID 536861M), Portelli Anna (ID 371660M) and Chrismarmig Company Limited (C 23992).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 21/2019.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 15th January, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

69

B'sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-16 ta' Lulju, 2019, f'Rikors numru 465/2018LSO fl-ismijiet Gifford Judith (KI 789146M) vs Perkins Michael (KI 526342M) u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2020, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 18 ta' Frar, 2020, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bl-isem 'Villino Verde' ġewwa Triq Valletta, Il-Mosta, bl-arja tiegħu, sovrastanti proprjetà ta' terzi, li jinkludi garaxx fl-ewwel sular (ground floor) kif ukoll l-entrata li twassal għall-bieb prinċipali tal-villa li tinsab fit-tieni sular (first floor), soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €40.18, konfinanti mit-Tramuntana ma' Triq Valletta, Lvant ma' proprjetà ta' Carmelo Petroni jew aventi kawża, u Nofsinhar ma' proprjetà tal-aventi kawża ta' Victor Drago, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, abbażi tal-istima erba' mitt elf ewro (€400,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Gifford Judith (KI 789146M) u Perkins Michael (KI 526342M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 42/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 15 ta' Jannar, 2020

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By judgement given by the Civil Court, First Hall on the 16th July, 2019, by the application number 465/2018LSO in the names of Gifford Judith (ID 789146M) vs Perkins Michael (ID 526342M), and after decree dated 14th January, 2020, Tuesday, 18th Febuary, 2020, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, near the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

The premises named 'Villino Verde' situated in Triq Valletta, Mosta, with its own airspace, overlaying third party property, including garage on the ground floor level as well as a landing leading to the main door of the villa which is situated on the first floor, subject to annual and perpetual ground rent of €40.18, bounded on the North by Triq Valletta, to the East by property of Carmelo Petroni or his successors in title, to the South by property of successors in title of Victor Drago, with all its rights and enjoyments, as per estimation of four hundred thousand euro (€400,000).

The said tenement is the property of Gifford Judith (ID 789146M) and Perkins Michael (ID 526342M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 42/2019.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 15th January, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

70

B'digriet tat-3 ta' Diċembru, 2019, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-6 ta' Jannar, 2020, fuq rikors ta' J. Zammit Limited (C 37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 26 ta' Frar, 2020, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Stefanov Alexander (KI 48811A).

Vettura tal-marka Mercedes Benz b'Chassis No. WDB2037422A458276.

N.B. L-imsemmija vettura tinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-Subbasta numru 13/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2020

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 3rd December, 2019, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 6th January, 2020, on the application of J. Zammit Limited (C 37945), Wednesday, 26th February, 2020, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held at Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ of the following items seized from the property of Stefanov Alexander (ID 48811A).

Vehicle of the make Mercedes Benz with Chassis Number WDB2037422A458276.

N.B. The said vehicle will be sold as described in the acts of judicial sale number 13/2019.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 16th January, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

71

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Jannar, 2020, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2809/19, fl-ismijiet Elmo Insurance Limited et noe vs Luana Thornton, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Lauana Thornton a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum, 31 ta' Diċembru, 2019

Lil: Luana Thornton (KI 191690M), Fl. 3, Blk C, Sez. 1, Triq Napuljun Caruana Dingli, Ħal Dmikki, Ħal Għaxaq

Permezz tal-preżenti, is-soċjetà Elmo Insurance Limited (C 3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, kif debitament surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Nicole Abdilla u kif ukoll l-istess Nicole Abdilla (KI 333998M) ta' 132, Aloha, Triq il-Gandoffla, Birżebbuġa, jinterpellawk sabiex fi żmien ħamest ijiem min-notifika tal-preżenti ittra tersaq

By means of a decree of the 8th January, 2020, of the Courts of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 2809/19, in the names Elmo Insurance Limited et noe vs Luana Thornton, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Luana Thornton in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 31st December, 2019

To Luana Thornton (ID 191690M) of Fl. 3, Blk C, Sect. 1, Triq Napuljun Caruana Dingli, Ħal Għaxaq

By the present Elmo Insurance Limited (C 3500) of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, as duly subrogated in the rights of its insured Nicole Abdilla, together with the same Nicole Abdilla (ID 333998M) of 132, Aloha, Triq il-Gandoffla, Birżebbuġa, solicits you so that within five days from the notification of this present you come forward and assume

sabiex tassumi r-responsabbiltà għall-inċident li seħħ fit-8 ta' Jannar, 2018, fi Triq iċ-Ċeppun, Ħal Għaxaq, bejn il-vettura proprjetà tal-mittenti bin-numru ta' reġistrazzjoni BCD349 u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBS943 misjuqa minnek, u li konsegwenza ta' dan l-inċident awtomobilistiku inti kkaġunajt danni fil-vettura proprjetà tal-mittenti; u kif ukoll sabiex tħallas d-danni kkaġunati minnek u żborsati mill-mittenti u dan oltre l-ispejjeż tal-preżenti ittra uffiċjali.

Illi inti unikament responsabbli għall-imsemmija danni u dan minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tiegħek u dan ai termini tal-Artikoli 1031 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas li tottempora ruħek ma' dak mitlub, il-mittenti mhu se jkollhom ebda triq oħra ħlief li jieħdu proċeduri legali kontrik skont il-liġi u dan unikament a spejjeż ulterjuri tiegħek.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-preżenti, u bl-imgħax legali mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

Tant sabiex tagħraf timxi u sabiex jiġu evitati spejjeż inutli.

Intimata: Luana Thornton
1. Fl. 3, Blk C, Sez. 1, Triq Napuljun Caruana Dingli, Ħal Dmikki, Ħal Għaxaq
2. 178, Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar

Notifika:

MelitaUnipol Insurance Brokers Limited (C 22256), 17, Triq is-Suq, Il-Furjana
Mapfre Middlesea plc (C 5553), Middlesea House, Il-Furjana

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

your resonsibility for the accident which occured on the 8th January, 2018, in Triq iċ-Ċeppun, Ħal Għaxaq between the vehicle property of the interpellant with registration number BCD349 and the vehicle with registration number HBS943 driven by you, and as a consequence of this accident you caused damages in the vehicle property of the interpellant; and also to pay the damages caused by you and paid by the interpellant and this besides the costs of this judicial letter.

You are solely responsible for the said damages and this because of imprudence, lack of skill, negligence and lack of observation of the regulations on your part and this in terms of Articles 1031 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta.

In default of your compliance with the above, the interpellant will have no alternative but to take legal action against you according to law and this solely at your further expense.

With costs, including this present and legal interest from the date of this present till the date of effective payment.

So much for your own guidance and to avoid useless costs.

Respondent: Luana Thornton
1. Fl. 3, Blk C, Sect. 1, Triq Napuljun Caruana Dingli, Ħal Dmikki, Ħal Għaxaq
2. 178, Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar

Notification:

MelitaUnipol Insurance Brokers Limited (C 22256), 17, Triq is-Suq, Floriana
Mapfre Middlesea plc (C 5553), Middlesea House, Floriana

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 16th January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

72

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fil-15 ta' Jannar, 2020, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

It is hereby notified that by a decree dated 15th January, 2020, the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fil-15 ta' Jannar, 2020, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens bin-numru 5/2020 ta' Joseph Cini, kuntistabbli, detentur tal-Karta tal-Identità numru 527994M, u Maureen Josette Cini, skrivana, detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 577192M versus kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-persuni mhux magħrufa intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens hawn indikat, ippreżentata fl-14 ta' Jannar, 2020, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens hawn fuq imsemmija kif ukoll fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. L-esponenti jesponu bir-rispett illi:

Whereas by a decree dated the 15th January, 2020, in the records of the schedule of deposit and contextual redemption of ground rent number 5/2020 by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section upon an application filed by Joseph Cini, civil servant, holder of Identity Card number 527994M, and Maureen Josette Cini, clerk, holder of Identity Card number 577192M versus deputy curator in order to represent unknown persons entitled to receive the ground rent mentioned below, filed on the 14th January, 2020, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, as well as the other related and subsequent acts. The applicants respectfully submit:

Huma proprjetarji tal-fond ossia ta' porzjon art fi Triq Monsinjur Giuseppi De Piro, Iż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl superfiċjali ta' mija u ħamsa u sittin metru kwadru punt tlieta (165.3 m.k.), konfinanti mil-Lvant mat-triq, Tramuntana ma' proprjetà tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, u Nofsinhar ma' proprjetà ta' Paul Cassar jew l-aventi causa jew irjieħ verjuri. Din il-proprjetà hija soġġetta għal għaxar soldi tal-munita antika (£0 -/10.) ċens annwu u perpetwu, kif ukoll soġġetta għal xelin u żewġ soldi u nofs tal-munita antika (£0. 1/2½.) ċens annwu u perpetwu, u xelin u tmien soldi tal-munita antika (£0. 1/8.) ċens annwu u perpetwu. Din il-proprjetà tinsab indikata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta u site plan hawn annessa u mmarkata Dok. A;

That they are owners of a property that is a plot of land in Triq Monsinjur Giuseppi De Piro, Żebbuġ, Gozo, having the superficial area of one hundred and sixty-five point three square metres (165.3 sq. mt.), bounded on the East by a street, North with property of the Missionary Society of Saint Paul, and on the South with property of Paul Cassar or successors in title or more correct boundaries. This property is subject to ten pence (£0 -/10.) annual and perpetual ground rent, as well as to one shilling and two and a half pence (£0. 1/2½.) annual and perpetual ground rent, and one shilling and eight pence (£0. 1/8.) annual and perpetual ground rent. This property is better shown in red on the attached plan and site plan marked Doc. A;

Illi l-esponenti jixtiequ jifdu dan iċ-ċens fl-intier tiegħu u għalhekk qegħdin jippreżentaw dan ir-rikors;

That the applicants wish to redeem the ground rent in its entirety and thus they are presenting this application;

Illi l-esponenti ma jafux lil min suppost jitħallas dan iċ-ċens;

That the applicants do not know to whom this ground rent is payable;

Illi dan il-fond ippervena għand l-esponenti bis-saħħa ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) mill-poter ta' Angelo Cassar;

That this property has devolved on the applicants by virtue of a contract of sale in the acts of Notary Doctor Enzo Dimech of the twenty-fourth (24th) August of the year two thousand and eighteen (2018) from Angelo Cassar;

Illi l-ammont ta' ċens kif spjegat aktar 'il fuq huwa l-wieħed ta' għaxar soldi tal-munita antika (£0 -/10.) ekwivalenti għal erba' ċenteżmi u żewġ milleżmi tal-Lira Maltija (LM0.04c2) ekwivalenti għal għaxar ċenteżmi tal-ewro (€0.10), l-iehor ta' xelin u żewġ soldi u nofs tal-munita antika (£0. 1/2½.)

That the ground rent as explained above is: one of ten pence (£0 -/10.) equivalent to four cents two mils of the Maltese Lira (LM0.04c2) equivalent to ten euro cents (€0.10), and the other of one shilling and two and a half pence (£0. 1/2½.) equivalent to six cents of the Maltese Lira

ekwivalenti għal sitt ċenteżmi tal-Lira Maltija (LM0.06) ekwivalenti għal erbatax-il ċenteżmu tal-ewro (€0.14) u l-ieħor ta' xelin u tmien soldi tal-munita antika (£0. 1/8.) ekwivalenti għal tmien ċenteżmi u tliet milleżmi tal-Lira Maltija (LM0.08c3) ekwivalenti għal dsatax-il ċenteżmu tal-ewro (€0.19). Għalhekk l-ammont komplessiv taċ-ċnus huwa ta' tlieta u erbgħin ċenteżmu tal-ewro (€0.43);

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu rwieħom mill-fakultà li tipprovdi l-Liġi ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta u jirredimu dan iċ-ċens fl-intier tiegħu illi kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal tmien ewro u sittin ċenteżmu (€8.60).

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jeżimu rwieħhom minn kull responsabbiltà qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' tmien ewro u sittin ċenteżmu (€8.60) fidi ta' ċens dovuti kif spjegat, liema somma tista' tiġi liberament żbankata mill-intimat/i wara li titħalla debita riċevuta skond il-Liġi.

Esponenti: Joseph Cini u Maureen Josette Cini ta' Seabreeze, Triq il-Ponta, Iż-Żebbuġ, Għawdex

Notifika bil-bandi: L-Avukat Ġenerali, il-Palazz, Il-Belt Valletta, Malta

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bhala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Simone Grech BA LLD, Mag. Jur. (Eur. Law) Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 16 ta' Jannar, 2020

(LM0.06) equivalent to fourteen euro cents (€0.14), and the other of one shilling and eight pence (£0. 1/8.) equivalent to eight cents and three mils of the Maltese Lira (LM0.08c3) equivalent to nineteen euro cents (€0.19). Therefore, the full amount in ground rent is of forty-three euro cents (€0.43);

That the applicants wish to benefit from the dispositions of Law and, by virtue of Article 1501 of Chap. XVI of Laws of Malta, redeem the ground rent in its entirety which capitalised at the rate of five per cent (5%) amounts to eight euro and sixty cents (€8.60).

Therefore the applicants, in order to exonerate themselves from any responsibility, are called upon this Honourable Court and under its authority deposit the sum of eight euro and sixty cents (€8.60) in redemption of ground rent as explained above, which amount may be freely withdrawn by the respondent/s after due receipt according to Law is tendered.

Applicants: Joseph Cini and Maureen Josette Cini of Seabreeze, Triq il-Ponta, Żebbuġ, Gozo

Notification of Banns: Attorney General, The Palace, Valletta, Malta

Notification: Director Public Registry, Off the Bastion Street, Victoria, Gozo

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section under the signature of Magistrate Dr Simone Grech BA LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), a Magistrate of the said Court.

This 16th January, 2020

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

DIANE FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section

DIANE FARRUGIA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

73

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fid-9 ta' Jannar, 2020, mill-Qorti hawn imsemmija (AL) fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Damianou Andreas vs Szadkowska-Damianou Anna-Monika, Mandat Numru 242/2019/2 AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Anna-Monika Szadkowska-Damianou (KI 1209841), a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet (Rikorrenti) Andrea Damianou (passaport numru K00341610) kontra (Intimata) Anna-Monika Szadkowska-Damianou (KI 1209841), fit-18 ta' Novembru, 2019, ir-rikorrenti Andreas Damianou (passaport numru K00341610), espona bir-rispett:

Illi l-esponenti għandu interess illi l-minuri hawn taħt imsemmija ma jitteħdux barra minn Malta;

Illi l-intimata hija persuna li għandha jew li jista' jkollha l-kustodja legali jew attwali tal-imsemmi minuri;

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimata fejn hija tiġi impedita milli tieħu jew tippermetti lil xi ħadd li jieħu l-imsemmija minuri barra minn Malta.

Dettalji tal-minorenni

1. … omissis … imwieled nhar is-27 ta' Ġunju, 2004, tal-età ta' ħmistax-il (15) sena li għandhu xagħru kannella, għajnejh kannella u għandu ċittadinanza Ċeka u passaport Ċek (ara ritratt hawn anness u mmarkat Dok. AD1)

2. … omissis … imwieled nhar l-4 ta' Jannar, 2007, tal-età ta' tnax-il (12) sena li għandu xagħru kannella, għajnejh kannella u għandu ċittadinanza Ċeka u passaport Ċek (ara ritratt hawn anness u mmarkat bħala Dok. AD2).

Illi permezz ta' deċizjoni datata 9 ta' Ġunju, 2016, il-partijiet kienu waslu fi ftehim li l-intimata flimkien mal-minuri jmorru jirrisjedu l-Polonja u l-esponenti jkollu aċċess għall-istess minuri (ara deċiżjoni hawn annessa u mmarkata bħala Dok. AD 3);

By means of a decree given by the Civil Court (Family Section) on the 9th January, 2020, by the Court herein mentioned (AL) in the records of the Application in the names Damianou Andreas vs Szadkowska-Damianou Anna-Monika,Warrant Number 242/2019/2, AL, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Anna-Monika Szadkwoska-Damianou (ID 1209841), in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application presented in the Civil Court (Family Section) in the names (Applicant) Andrea Damianou (passport no. K00341610) against (Respondent) Anna-Monika Szadkwoska-Damianou (ID 1209841), on the 18th November, 2019, the applicant Andreas Damianou (passport no. K00341610) respectfully pleaded:

That the interpellant has an interest that the minors hereunder mentioned are not taken outside Malta;

That the respondent is a person who has or may have the legal or actual custody of the said minors;

Thus the interpellant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction agsainst the respondent whereby she is impeded from taking or permitting somebody to take the said minors outside Malta.

Details of the minors

1. … omissis … born on the 27th June, 2004, of the age of fifteen (15) years who has brown hair, brown eyes and Czech citizenship and passport (see photo hereby annexed and marked Doc. AD1)

2. … omissis … born on the 4th January, 2007, aged twelve (12) who has brown hair, brown eyes and Czech citizenship and passport (see photo hereby annexed and marked Doc. AD2).

That by means of a decision dated 9th June, 2016, the parties had reached an agreement that the respondent together with the minors go and reside in Poland and the interpellant shall have access to the same minors (see decision hereby annexed and marked as Doc. AD3);

Illi mandanakollu l-intimata ma onoratx l-imsemmija deċiżjoni, bil-konsegwenza li l-esponenti missier il-minuri ma kienx jaf fejn qed jirrisjedu wliedu. Illi proprju din issena huwa sar jaf li il-minuri qed jirrisjedu Malta u dan mill-Awtorità Ċentrali. Illi għalhekk huwa fetaħ proċeduri ta' medjazzjoni sabiex huwa jkun jista' jara lil uliedu u jingħata informazzjoni fejn huma qed jirresjedu (ara kopja tar-rikors intavolat hawn anness u mmarkat bħala Dok. AD4);

That however the respondent did not honour the said decision with the consequence that the interpellant father of the minors did not know where his children were residing. That exactly this year he came to know that the minors are residing in Malta and this by the Central Authority. That thus he opened mediation procedures in order that he may be able to see his children and be given information where they are residing (see copy of the application filed hereby annexed and marked as Doc. AD4);

Illi l-esponenti huwa mbeżża' li l-intimata ser tieħu l-minuri barra l-pajjiż, bil-konsegwenza li huwa jispiċċa ma jarahomx.

That the interpellant is afraid that the respondent shall take the minors outside the country, with the consequence that he ends up not seeing them.

Għaldaqstant huwa meħtieġ li joħroġ dan l-impediment tas-safar fuq l-imsemmija minuri.

Thus it is necessary that this impediment from going abroad be issued against the said minors.

Illum 18 ta' Novembru, 2019

Today 18th November, 2019

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qratlu l-kontenut u fil-preżenza ta' bħala xhud tal-identità.

Confirmed before me by oath after I read its contents and in the presence of as witness of identity.

Mandat ta' Inibizzjoni

Warrant of Prohibitory Injunction

Repubblika ta'Malta

Republic of Malta

Mandat tal-Qorti

Court Warrant

Lill-Marixxall tal-Qrati

To the Court Marshall

Billi ġie ppreżentat ir-rikors ta' hawn fuq u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għall-ordnijiet infraskritti.

Whereas the above application was presented and there recur all the necessary elements required by law for the undermentioned orders.

U wara li tagħmel dan u jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

And after doing this and if you encounter and difficulty in the execution of this warrant you are to inform this Court forthwith.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LLD, Dip. Rel. Stud., Mag. Jur (Eur. Law), Duttur tal-Liġi.

Given by the Civil Court (Family Section) with the witness of the Hon. Madam Justice Abigail Lofaro, LLD, Dip. Rel. Stud., Mag. Jur. (Eur. Law), Doctor of Laws.

Ir-Rikors Mandat Numru 242/2019/2 AL, fl-ismijiet Damianou Andreas vs Szadkowska-Damianou Anna-Monika, Rikors Numru 242/2019/2 AL, jinsab differit għas-smigħ għall-Ħamis, 6 ta' Frar, 2020, fid-9.15 a.m.

The Application Warrant Number 242/2019/2 AL, in the names Damianou Andreas vs Szadkowska Damianou Anna-Monika, Application Number 242/2019/2 AL, has been deferred for hearing to Thursday, 6th February, 2020, at 9.15 a.m.

Rikorrent: c/o Av. Andrew Sciberras, 203/1, Vincenti Buildings, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Applicant: c/o Adv. Andrew Sciberras, 203/1, Vincenti Buildings, Triq l-Ifran, Valletta

Intimata: Indirizz mhux magħruf

Respondent: Address not known

Ezekuzzjoni:

1. Kummissarju tal-Pulizija, Pjazza San Kalċidonju, Il-Furjana FRN 1530

2. Kontrollur tad-Dwana, Custom House, Xatt Lascaris, Il-Belt Valletta VLT 1920

3. Uffiċjal inkarigat mill-Passaporti, l-Ewwel Sular, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

4. Ajruport Internazzjonali ta' Malta LQA 4000

5. Virtù Ferries, Virtù, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex XBX 1034

Indirizz:

Awtorità Ċentrali, Social Care Standards Authority, Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, 469, Bugeja Institute, Triq San Ġużepp, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja) illum 16 ta' Jannar, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Execution:

1. Commissioner of Police, Pjazza San Kalċidonju, Floriana FRN 1530

2. Comptroller of Customs, Customs House, Lascaris Wharf, Valletta VLT 1920

3. Officer in Charge of Passports, First Floor, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta

4. Malta International Airport LQA 4000

5. Virtù Ferries, Virtù, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex XBX 1034

Address:

Central Authority, Social Care Standards Authority, Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity, 469, Bugeja Institute, Triq San Ġużepp, Santa Venera

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 16th January, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

74

Avviż mir-Reġistru tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Wenxuan Evan Yu (KI 560917L) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 1123/2019JVC) fejn giet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku Nru. 5609/2017 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 16 ta' Jannar, 2020

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Wenxuan Evan Yu (ID 560917L) filed an application under oath (No. 1123/2019JVC) demanding the correction of the Public Registry Act No. 5609/2017 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today 16th of Januar, 2020

KAREN FALZON
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603